// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 153

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — Volum 57 — 21 ta' Mejju 2014

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 153/01 — Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Kawża M.7161 — DCC Energy/Qstar Försäljning/Qstar/Card Network Solutions) (1) ... 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 153/02 — Rata tal-kambju tal-euro ... 2

2014/C 153/03 — Tneħħija ta' proposti tal-kummissjoni li ma jkunux baqgħu applikabbli ... 3

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2014/C 153/04 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.6968 — Lufthansa/CAE/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 8


ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2014/C 153/05 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..... 9

2014/C 153/06 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..... 14

2014/C 153/07 Avviż lill-produtturi u lill-importaturi tal-idrofluworokarburi u lill-impriżi l-ġodda li jkollhom il-ħsieb li jqiegħdu l-idrofluworokarburi bl-ingrossa fis-suq fl-Unjoni Ewropea fl-2015 ..... 19


**Rettifika**


2014/C 153/08 Rettifika għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (tfassil mill-ġdid) (ĠU C 110, 11.4.2014) ..... 21


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Kawża M.7161 — DCC Energy/Qstar Försäljning/Qstar/Card Network Solutions)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 153/01)

Fl-24 ta' April 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7161. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

---

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** (1)

**L-20 ta' Mejju 2014**

(2014/C 153/02)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3702 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4921 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 138,88 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,6225 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4646 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5978 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,81400 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7160 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,0294 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 404,75 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2223 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,3419 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,5470 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,1360 | HRK | Kuna Kroata | 7,6175 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 708,55 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,479 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,4109 |
| HUF | Forint Ungeriż | 305,46 | PHP | Peso Filippin | 59,921 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 47,3166 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1893 | THB | Baht Tajlandiż | 44,616 |
| RON | Leu Rumen | 4,4330 | BRL | Real Brażiljan | 3,0362 |
| TRY | Lira Turka | 2,8934 | MXN | Peso Messikan | 17,7229 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4797 | INR | Rupi Indjan | 80,3485 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## TNEĦĦIJA TA' PROPOSTI TAL-KUMMISSJONI LI MA JKUNUX BAQGĦU APPLIKABBLI

(2014/C 153/03)

### Lista ta' proposti mneħħija

| Dokument | Proċedura interistituzzjonali | Titolu |
|---|---|---|
| **Strumenti ta' Politika Barranija** | | |
| COM(2009) 395 | 2009/0111/CNS | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigwad taż-Żimbabwe |
| **Żvilupp u KooperazzjoniEurope Aid/ Strumenti ta' Politika Barranija-** | | |
| COM(2009) 195 | 2009/0058/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1717/2006 li jistabbilixxi Strument ta' Stabbilità |
| **Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni** | | |
| COM(2011) 336 | 2011/0147/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni |
| **Ambjent** | | |
| COM(2003) 624 | 2003/0246/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali |
| COM(2006) 232 | | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-ħarsien tal-ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE |
| **Il-Eurostat** | | |
| COM(2011) 335 | 2011/0146/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sikurezza mill-kriminalità |
| **Il-Qasam tar-Relazzjonijiet Esterni** | | |
| COM(1973) 1929 | | Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiftaħ, jalloka u jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji ta' tessuti minsuġa tal-qoton oħrajn, tal-Intestatura Nru 55.09 tat-tariffa doganali komuni, li joriġinaw mir-Repubblika Libaniża (sena 1974) |
| COM(1980) 662 | | Il-Proposta għal Regolament li jagħmel applikabbli xi deċiżjonijiet tal-Kunsilli ta' kooperazzjoni tal-KEE-l-Alġerija, il-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu, il-Libanu, il-Ġordan, is-Sirja ..., li jibdel l-Unitajiet fil-Kont permezz tal-Unitajiet fil-Kont Ewropej fil-protokoll nru 2 tal-ftehim bejn il-Komunità ekonomika ewropea u dawn il-pajjiżi |

| Dokument | Proċedura interistituzzjonali | Titolu |
|---|---|---|
| COM(1983) 303 | | Il-Proposti għal Regolamenti tal-Kunsill li jemendaw għal darb'oħra l-Artikoli 6 u 17 tal-protokoll rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinarji u għall-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità ekonomika ewropea u l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, is-Sirja u t-Tuneżija |
| COM(1985) 534 | | Il-Proposta għal Regolament (KEE) tal-Kunsill li jemenda fir-rigward ta' ċerti tranżazzjonijiet mal-Afrika t'Isfel, is-sistemi applikabbli għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' ċerti prodotti |
| COM(1989) 19 | | Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jissospendi l-konċessjonijiet tariffarji u ż-żidiet tad-drittijiet tan-nomenklatura magħquda applikabbli għal ċerti prodotti oriġinarji mill-Istati Uniti |
| **Is-Saħħa u l-Konsumaturi** | | |
| COM(2008) 663 immodifikata minn COM(2011) 663, u COM(2012) 48 | 2008/0256/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda, dwar dak li għandu x'jaqsam tal-informazzjoni għall-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem |
| COM(2008) 662 immodifikata minn COM(2011) 0632 u COM(2012) 0049 | 2008/0255/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda, dwar dak li għandu x'jaqsam tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għar-riċetta medika, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini |
| **Riżorsi Umani u Sigurtà** | | |
| COM(2005) 190 | 2005/0072/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1210/90 dwar il-ħolqien tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u osservazzjoni tal-ambjent dwar dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv |
| COM(2005) 190 - 2 | 2005/0073/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 337/75 dwar il-ħolqien ta' Ċentru Ewropew għall-iżvilupp tat-taħriġ professjonali dwar dak li għandu x'jaqsam tal-mandat tad-Direttur |
| COM(2005) 190 - 3 | 2005/0074/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1365/75 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol dwar dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur u l-Viċi Direttur |
| COM(2005) 190 - 4 | 2005/0075/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1360/90 dwar it-twaqqif ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ dwar dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur |

| Dokument | Proċedura interistituzzjonali | Titolu |
|---|---|---|
| COM(2005) 190 - 5 | 2005/0076/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 302/93 dwar it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi dwar dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur |
| COM(2005) 190 - 6 | 2005/0077/COD | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 40/94 dwar il-mandat tal-President tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern |
| COM(2005) 190 - 7 | 2005/0078/COD | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2100/94 dwar il-mandat tal-President tal-Uffiċċju Komunitarju għall-Varjetajiet tal-Pjanti |
| COM(2005) 190 - 8 | 2005/0079/COD | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2965/94 dwar il-ħolqien ta' Ċentru għat-Traduzzjoni tal-korpi tal-Unjoni Ewropea dwar dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur |
| COM(2005) 190 - 9 | 2005/0080/COD | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1035/97 dwar il-ħolqien ta' Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija dwar dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur |
| COM(2005) 190 - 10 | 2005/0081/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002 dwar dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel |
| COM(2005) 190 - 11 | 2005/0082/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal dak li għandu x'jaqsam mal-mandat ta' Direttur |
| COM(2005) 190 - 12 | 2005/0083/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini |
| COM(2005) 190 - 13 | 2005/0084/COD | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea ta' Superviżjoni tal-GNSS |
| COM(2005) 190 - 14 | 2005/0085/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2062/94 li jwaqqaf Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur |
| COM(2005) 190 - 15 | 2005/0086/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li waqqaf Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għal dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv |
| COM(2005) 190 - 16 | 2005/0087/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 għal dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u tad-Diretturi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni |

| Dokument | Proċedura interistituzzjonali | Titolu |
|---|---|---|
| COM(2005) 190 - 17 | 2005/0088/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għal dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv |
| COM(2005) 190 - 18 | 2005/0089/COD | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 għal dak li għandu x'jaqsam mal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea |
| **Is-Suq Intern u s-Servizzi** | | |
| COM(2004) 582 | 2004/0203/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 98/71/KE dwar il-protezzjoni legali tad-disinji |
| COM(2010) 350 | 2010/0198/CNS | Proposta għal Regolament tal-Kunsill (UE) dwar l-arranġamenti għat-traduzzjoni għall-privattiva tal-Unjoni Ewropea |
| COM(2008) 396 | 2008/0130/APP | Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Istatut għal kumpanija privata Ewropea |
| **Mobilità u Trasport** | | |
| COM(2011) 710 | 2011/0327/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan li jinkludu l-funzjonalitajiet ta' kard tas-sewwieqa |
| COM(2007) 497 | 2007/0183/CNS | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru, sabiex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija. |
| **It-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali** | | |
| COM(2002) 64 | 2002/0041/CNS | Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE dwar dak li għandu x'jaqsam tal-iskema speċjali għall-aġenti tal-ivjaġġar |
| COM(2003) 78 - 2 | 2003/0057/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 218/92 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni indiretta (VAT) dwar dak li għandu x'jaqsam ta' miżuri addizzjonali dwar dak li għandu x'jaqsam ta' provvisti ta' servizzi tal-ivvjaġġar |
| COM(2004) 728 - 1 | 2004/0261/CNS | Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bil-għan li tissimplifika l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud |
| COM(2008) 497 | 2008/0164/ACC | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2112/78 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Doganali fuq it-trasport internazzjonali ta' oġġetti taħt il-carnets TIR (Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 f'Ġinevra |
| **Kodifikazzjonijiet** | | |
| COM(2007) 755 | 2007/0256/COD | Proposta għal Regolament tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea |
| COM(2008) 99 | 2008/0037/COD | Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju (verżjoni kkodifikata) |

| Dokument | Proċedura interistituzzjonali | Titolu |
|---|---|---|
| COM(2008) 351 | 2008/0115/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-sedil tas-sewwieq fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (verżjoni kkodifikata) |
| COM(2008) 697 | 2008/0204/COD | Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi r-regoli u l-miżuri ta' kontroll biex tkun miġġielda l-marda Afrikana taż żwiemel (verżjoni kkodifikata) |
| COM(2009) 299 | 2009/0080/COD | Proposta għal Direttiva tal-Kunsill .../.../KE dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-patata taż-żerriegħa |
| COM(2010) 359 | 2010/0194/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja |
| COM(2010) 508 | 2010/0261/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' ħoss permissibbli u s-sistema tal-exhaust tal-vetturi bil-mutur (kodifikazzjoni) |
| COM(2010) 510 | 2010/0264/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istrutturi ta' protezzjoni f'każ ta' qlib immuntati fuq in-naħa ta' wara ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija ta' karreġġata dejqa (kodifikazzjoni) |
| COM(2010) 610 | 2010/0302/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istrutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tas-sedil tas-sewwieq fuq tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija ta' karreġġjata dejqa (Kodifikazzjoni) |
| COM(2010) 635 | 2010/0309/COD | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ovini u kaprini (Kodifikazzjoni) |
| COM(2010) 717 | 2010/0348/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjoni, il-post, l-operazzjoni u l-identifikazzjoni tal-kontrolli ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Kodifikazzjoni) |
| COM(2010) 729 | 2010/0349/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mezzi tal-ibbrejkjar ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Kodifikazzjoni) |
| COM(2010) 746 | 2010/0358/COD | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispazju għall-manuvrar, l-aċċess għall-pożizzjoni tas-sewqan u l-bibien u t-twieqi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Kodifikazzjoni) |

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.6968 — Lufthansa/CAE/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 153/04)

1. Fit-13 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (1) li permezz tagħha Deutsche Lufthansa AG ("Lufthansa", il-Germanja) u CAE Inc. ("CAE", il-Kanada) jakkwistaw skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta ("JV"), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju tal-impriżi kkonċernati huma:

— Lufthansa hija grupp tal-avjazzjoni attiv f'livell dinji bħala kumpanija tal-ajru li tagħti servizzi ta' loġistika, manutenzjoni, tiswija u tiswija preventiva, forniment tal-ikel, servizzi tal-IT kif ukoll servizzi ta' taħriġ għall-piloti u l-membri tal-ekwipaġġ,

— CAE hija attiva fit-tfassil ta' mudelli, fis-simulazzjoni, u fit-taħriġ għall-avjazzjoni ċivili u għad-difiża. L-operat tagħha huwa ddiversifikat u jvarja mill-bejgħ ta' prodotti marbutin mas-simulazzjoni tat-titjir sal-forniment ta' servizzi komprensivi bħalma huma servizzi tat-taħriġ u tal-avjazzjoni, servizzi professjonali, assistenza waqt il-ħidma kif ukoll tipprokura l-ekwipaġġ,

— Il-JV se tkun attiva fl-iżvilupp u fl-għoti ta' taħriġ inizjali għall-piloti u għall-membri tal-ekwipaġġ, u ta' soluzzjonijiet oħra fis-servizzi ta' taħriġ tal-programm tal-inġenji tal-ajru għall-Bombardier C-Series.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (2) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għall-ipproċessar skont il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni Ewropea.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard minn għaxart ijiem mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea bil-faks (+32 22964301), b'email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.6968 — Lufthansa/CAE/JV, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2014/C 153/05)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel** [2]

**"PIADINA ROMAGNOLA"/"PIADA ROMAGNOLA"**

**Nru tal-KE: IT-IĠP-0005-01067 – 11.12.2012**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola"

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott:*

Il-klassi 2.4: prodotti ta' ħobż, għaġina, kejkijiet, ħlewwiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara,

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1*

L-isem "Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" jidentifika prodott tal-ħobż miksub billi tinħadem għaġina abbażi ta' dqiq, xaħam, melħ u xi ingredjenti fakultattivi, li wara tissajjar fuq pjanċa.

Fil-mument li dan il-prodott ikun se jitqassam għall-konsum, dan ikun f'forma ta' platt tond ċatt, ta' kulur abjad-avorju bi tbajja karatteristiċi kemxejn fl-ambra, ta' qisien u tonalità varji fuq iż-żewġ naħat, u b'togħma fragranti u b'riħa karatteristika simili għal dik tal-ħobż li għadu kif ħareġ mill-forn.

Il-karatteristiċi fiżiċi li jiddistingwu l-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" huma:

forma: tonda mhux regolari

qisien:

— dijametru ta' bejn 15 u 25 cm u ta' bejn 23 u 30 cm għall-varjant kif isir f'Rimini;

— ħxuna ta' bejn 4 u 8 mm u sa 3 mm għall-varjant kif isir f'Rimini,

dehra esterna: il-wiċċ la huwa lixx u lanqas regolari, bi tbajja kemxejnfl-ambra jew bżieżaq ta' qisien differenti kkawżati mit-tisjir.

[1] ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

[2] ĠU L 93, 31.3.2006, p.12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

karatteristiċi organolettiċi: u b'togħma fragranti u b'riħa karatteristika simili għal dik tal-ħobż li għadu kif ħareġ mill-forn.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Għall-produzzjoni tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" hemm bżonn l-ingredjenti li ġejjin:

3.3.1 Ingredjenti obbligatorji għal kull 1,000 gramma ta' dqiq ta' qamħ komuni

Dqiq ta' qamħ komuni;

Ilma: biżżejjed biex tinkiseb għaġina omoġenja;

Melħ: daqs jew anqas minn 25 g

Xaħam: lardu, u/jew żejt taż-żebbuġa u/jew żejt taż-żebbuġa straverġni fin sa 250 g

3.3.2 Ingredjenti fakultattivi għal kull 1,000 gramma ta' dqiq ta' qamħ komuni

Aġenti b'effett ta' ħmira: karbonat tal-aċidu tas-sodju, difosfat tad-disodju, lamtu tal-qamiħirrum jew tal-qamħ, sa 20 g.

Iż-żieda ta' konservanti, aromi u/jew xi addittivi oħra hija pprojbita.

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

Fiż-żona ġeografika indikata jridu jseħħu l-fażijiet kollha tal-produzzjoni miġjuba hawnhekk:

il-preparazzjoni tal-għaġina (il-preparazzjoni ssir billi jintgħaġnu l-ingredjenti mal-ilma sakemm tinkiseb l-għaġina)

il-porzjonijiet, (l-għaġina titqatta' manwalment jew mekkanikament f'ħobżiet jew blalen żgħar)

laminazzjoni, (il-proċess biex il-ħobżiet jew l-blalen isiru ċatti biex tiġi ffurmata l-"Piadina Romagnola" jew l-"Piada Romagnola" sseħħ biss u esklussivament permezz tal-laminazzjoni mekkanika jew manwali)

tisjir (it-tisjir iseħħ permezz ta' trattament termiku tal-isfolja f'forma ta' platt ċatt fuq iż-żewġ naħat. Il-qlib ta' din l-isfolja ċatta jista' jseħħ manwalment jew b'mezzi mekkaniċi)

tkessiħ

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Il-proċeduri ta' ħidma u ta' ppakkjar iridu jsiru b'mod kontinwu, biex il-prodott ma jitlifx il-konsistenza tiegħu, ladarba dan ikun bired. Il-permanenza tal-prodott hekk kif jiltaqa' mal-arja għal perjodu itwal minn dak tat-tberrid naturali tista' tippreġudika l-karatteristiċi partikolari organolettiċi u tirrendih niexef u bla togħma.

Il-"Piadina Romagnola" jew l-"Piada Romagnola" tinbigħ fis-suq imgeżwra jew f'karta alimentari jew f'ċarruta biex il-prodott jiġi servut minnufih jew biex jiġi kkonsmat aktar tard filwaqt li jinqafel f'borża alimentari ssiġġilata perfettament.

L-ippakkjar f'boroż alimentari ssiġġilati perfettament tal-prodott li jiġi kkonsmat aktar tard, barra li jevita d-deterjorament tal-karatteristiċi organolettiċi, jevita wkoll l-espożizzjoni tal-prodott għall-aġenti esterni, b'mod partikolari għall-effetti ta' kontaminazzjoni li jiġu minn attakki eventwali ta' parassiti tad-dqiq (b'mod partikolari l-moffa tad-dqiq).

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Kull ippakkjar tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" IĠP irid juri, b'tipi ċari, li jinqraw, li ma jitħassrux u nettament distingwibbli, dawn l-elementi li ġejjin:

— il-logo tal-UE;

— l-isem tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" segwit bil-kitba "Indicazione Geografica Protetta", jew bl-akronimu tiegħu IGP

— il-logo.

Għall-varjant tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" kif isir f'Rimini hu obbligatorju li tiżdied l-indikazzjoni fuq il-pakkett b'tipi ugwali għal dawk tal-isem tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola", jiġifieri l-kliem "alla Riminese", ċar u li jinqara, li ma jitħassarx u jingħaraf sew, bl-għan li tingħata informazzjoni ċara lill-konsumatur.

Wara dan ikun hemm il-logo.

Il-kuluri huma kannella 724 C u l-bex 728 C

Fil-każ ta' produzzjoni u bejgħ dirett u esklussiv, il-kitba u l-logo deskritti hawn fuq jistgħu jkunu fuq ġenb minnhom flimkien mal-emblema tal-lokal. It-tipa li biha hija indikata l-kitba "Piadina Romagnola" jew "Piada Romagnola" jew l-kitbiet l-oħra previsti minn dan id-dokument, trid tinġabar fl-istess erja viżwali u ppreżentata b'mod ċar, li tinqara u li ma titħassarx u tkun kbira biżżejjed li tinqalgħa mill-isfond li fuqu tkun stampata b'tali mod li, fit-totalità tat-tikketta, tista' tkun tintgħaraf b'mod ċar mill-indikazzjonijiet l-oħra u/jew l-istampi.

Fuq it-tikketta, jistgħu jidhru wkoll indikazzjonijiet oħra fakultattivi li jagħtu garanzija lill-konsumatur u/jew informazzjoni dwar il-karattru nuttrittiv, barra mill-użu soċjali u marki privati sakemm ma jkollhomx sinifikat ta' tifħir u li ma jingannawx ix-xerrej. Għall-prodtt destinat għas-swieq internazzjonali, tista' tintuża l-indikazzjoni "indikazzjoni ġeografika protetta" fil-lingwa tal-pajjiż ta' destinazzjoni.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona ta' produzzjoni u ppakkjar tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" hija magħmula mit-territorju tar-Romanja storika u b'mod aktar preċiż it-territorju kollu tal-provinċji ta' Rimini, Forlì Cesena, u Ravenna u l-Komuni tal-Provinċja ta' Bologna li ġejjin: Borgo Tossignano, Casalfiumanese, Castel del Rio, Castel Guelfo, Castel San Pietro, Dozza, Fontanelice, Imola, Mordano.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Ir-Romanja tokkupa t-territorju l-aktar orjentali tar-Reġjun tal-Emilja-Romanja. It-territorju jestendi min-naħa littorali fuq il-baħar Adrijatiku fil-lvant, sal-konfini mal-Provinċja ta' Bologna fuq il-punent, u mill-konfini mar-Reġjun tal-Marche fin-nofsinhar, sal-konfini mal-Provinċja ta' Ferrara fuq it-tramuntana. Din iż-żona għandha klima moderata u subkontinentali li tvarja skont l-altitudni u d-distanza mill-kosta. Minkejja li l-klima tar-Romanja ma tvarjax ħafna minn dik tal-bqija tal-Italja tat-tramuntana, għandha karatteristiċi proprji tagħha dovuti għall-fatt li l-istrixxa ta' pjanura tidjieq b'mod gradwali.

Il-produzzjoni u l-konsum tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" storikament daħlu fir-Romanja bħala alternattiva għall-ħobż li kien disponibbli fi kwantitajiet limitati. B'hekk il-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" kisbet id-definizzjoni tagħha mill-poeta ċelebri Giovanni Pascoli li sejħilha "il-ħobż nazzjonali tar-Romanjoli".

It-tisħiħ ta' din it-tradizzjoni matul is-sekli, u tat-tekniki partikolari tal-produzzjoni, fis-snin sebgħin tas-seklu preċedenti, kienu l-bażi talt-twelid tal-produzzjoni artiġjanali tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" f'azjendi żgħar (il-gabbani) għall-konsum immedjat.

Il-preżenza mifruxa u evidenti fir-Romanja tal-gabbani li jipproduċu u jbigħu l-piadine għall-konsum immedjat hija karatteristika tat-territorju magħrufa tajjeb fost iċ-ċittadini lokali u t-turisti. Minn din żviluppat il-produzzjoni tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" ippakkjata għall-konsum mhux immedjat.

Fil-preparazzjoni tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" irid jingħata każ tat-tekniki miġjuba matul iż-żmien fir-Romanja li jagħtu l-karatteristiċi tipiċi lill-prodott. Trid tiġi segwita sekwenza preċiża meta jitħalltu l-ingredjenti; l-għaġina ma tridx tinħadem ħafna fit-tul u trid tikseb konsistenza li tippermettilha tkun laminata; it-tisjir irid jitwettaq f'temperatura u għal tul ta' żmien indikat u b'reqqa l-isfolja tonda ċatta trid tinqaleb fuq pjanċa tat-tisjir sabiex il-prodott jikseb il-karatteristiċi deskritti fil-punt 3.2

Dawn il-ħiliet ġejjin mill-għarfien u mill-esperjenza twila tal-produtturi lokali li jagħtu lill-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" l-karatteristiċi distintivi tagħha. Dawn il-karatteristiċi baqgħu ma nbidlux mill-oriġni tal-prodott u ppermettewlu li jżomm ir-reputazzjoni li kiseb matul iż-żmien.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" hija l-ispeċjalità l-aktar tipika tar-Romanja. Hemmhekk tinstab kważi kullimkien, fit-toroq tar-Romanja, prodotta mill-"piadinare" fil-gabbani karatteristiċi u kkuluriti, fir-ristoranti, fil-ħwienet liċenzjati u fl-azjendi speċjalizzati tal-ikel. Tant hi famuża l-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" li hi magħrufa tajjeb lil hinn mill-konfini reġjonali.

Dan hu prodott magħmul mill-għaġna tad-dqiq, l-ilma, il-melħ, ix-xaħam u xi ingredjenti fakultattivi, maħdum skont tradizzjoni antika, ippreżentata f'forma ċatta tonda bil-kulur abjad-avorju bi tbajja b'karatteristiċi kemxejn fl-ambra ta' qisien u tonalità varji fuq iż-żewġ naħat, u b'togħma fragranti u b'riħa karatteristika simili għal dik tal-ħobż li għadu kif ħareġ mill-forn.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Ir-reputazzjoni tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" tingħaqad mal-istorja, it-tradizzjonijiet u saħansitra mal-għajdut u l-ħrejjef popolari.

Kien il-poeta Giovanni Pascoli li uffiċċjalizza t-terminu "piada" li ttaljanizza l-kelma Romanjola "piè". F'poema qasira famuża tiegħu, il-poeta niseġ eloġju lill-piadina, ikel antik "kważi daqs il-bniedem" u jiddefenixxiha bħala "il-ħobż nazzjonali tar-Romanjoli" fejn inħolqot relazzjoni li ma tinħalx bejn il-Piadina u r-Romanja.

Kitbiet varji, ta' spiss mongrafiċi, jiddokumentaw il-karatteristiċi tal-piadina Romanjola filwaqt li, permezz ta' sorsi storiċi, jagħtu ħjiel minfejn ġejja oriġinarjament u juru d-diiferenza bejn iż-żewġ tipoloġiji, filwaqt li jagħnu l-għarfien tal-prodott b'suġġerimenti fuq il-preparazzjoni u pariri fuq x'imur magħha. Fl-1913, fil-magazin "Il Plaustro", Antonio Sassi jiddefnixxi l-"Piadine" bħala l- "ħobżiet ċatti tradizzjonali u bnina tar-Romanjoli".

Il-"Vocabolario Romagnolo Italiano" ta' Adelmo Masotti, ppubblikat minn Zanichelli fl-1996 jiddefinixxi l-"piada" bħala "fokaċċa sottili ta' ħobż ażmu, imsajra f'ambjent sħun, tipika tar-Romanja".

Fil-letteratura nsibu diversi kwotazzjonijiet li jagħmlu distinzjoni bejn il-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" ta' Rimini minħabba d-dijametru u l-ħxuna tagħha. Bħala eżempji ta' xogħlijiet li jiġu kkwotati hemm il-pubblikazzjonijiet ta' Graziano Pozzetto "La Piadina Romagnola Tradizionale", Panozzo Editore, Rimini, 2005 u "Cucina di Romagna", Ed. Franco Muzzio, 2004 li jagħti d-distinzjoni bejn iż-żewġ tipi.

Fl-2004, għall-ewwel darba kien hemm pubblikazzjoni li ppreżentat ukoll ir-riċetta tal-"Piadina Romagnola/Piada Romagnola" bl-Għarbi, il-Franċiż, l-Ingliż, il-Ġappuniż, iċ-Ċiniż, ir-Russu, l-Ispanjol u l-Ġermaniż.

L-isem tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" jissemma' ħafna drabi f'pubblikazzjonijiet gastronimiċi u gwidi.

Fil-gwida "Italia a tavola – Guida Gastronomica" (p.30, Touring Club italiano, 1984) fil-kapitlu bit-titlu "Piatti popolareschi di ieri diventano consumi popolari di oggi" tissemma' u tiġi deskritta l-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola". L-artiklu jiddiskrivi l-ingredjenti użati fil-produzzjoni tagħha, il-mod kif tittiekel, maqtugħa fi flieli jew mimlija jew mitwija fiha nnifisha, minkejja l-forma karatteristika tagħha ta' sfolja tonda u ċatta.

Il-gwida turistika "Turismo gastronomico in Italia" (pagg. 367-8, Touring club italiano, 2001), fit-taqsima dwar ir-Reġjun tal-Emilja-Romanja, wara preżentazzjoni qasira tal-Provinċja ta' Rimini, isemmi l-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola" mimlija biz-zalzett u l-ġobon bħala l-ikel l-aktar imfittex fil-Provinċja.

Il-volum "Romagna – viaggio attraverso le regioni italiane" (p. 53, Finintenet S.p.A, 2002) jiddedika kapitlu bit-titlu "Rimini, il regno della Piadina" li fih tingħata deskrizzjoni tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola", il-preparazzjoni tagħha u kif ttegħemha, mimlija bil-ġobon u z-zalzett.

Anke netwerks televiżivi nazzjonali tkellmu dwar il-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola". Wieħed jista' jiftakar fit-trażmissjonijiet televiżivi: "Terra e Sapori" li xxandret fuq ir-RAI fit-18 ta' Lulju 2008 bit-titlu "Emilia Romagna: i segreti della Piadina" li ddokumenta l-ingredjenti, ir-riċetta u l-mod kif tiġi ppreparata l-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola".

Fl-aħħar nett, minn żmien għal żmien, fir-Romanja jsriu avvenimenti, kompetizzjonijiet gastronomiċi u festivals iddedikati lill-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola".

Sa mill-1993, f'Cerva, fil-provinċja ta' Ravenna, kull sena jinżamm il-festival "Piadina d'Autore", festival li jippremja l-aħjar piadina prodtta fil-gabbani tat-territorju.

Sa mill-1998 f'Santarcangelo di Romagna, jinżamm il-"Palio della Piadina" bl-għan li tinżamm ħajja t-tradizzjoni ta' dan il-prodott awtentiku tat-tradizzjoni gastronomika Romanjola.

Artiklu ppubblikat fis-6 ta' Lulju 2009 iħabbar l-għoti tal-premju "La miglior Piadina: assegnato il premio della ricetta romagnola per eccellenza".

Stqarrija għall-istampa dwar l-edizzjoni tal-2010 tal-"Premio Piadina Romagnola, miglior piadina 2010".

Fost il-festivals l-akatr riċenti:

"Lo Sposalizio della Piadina", maħluqa fl-2002 f'Cesena bl-iskop li jingħata valur lit-tradizzjoni tal-"Piadina Romagnola"/"Piada Romagnola".

"Piadina Days", huwa avveniment ieħor, organizzat sa mill-2010, bħala parti mill-Wine Food Festival della Regione Emilia-Romagna, jumejn ta' avvenimenti, spettakli, kunċerti, u ċans biex tindaq il-Piadina fir-Romanja kollha.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5, il-paragrafu 7, tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ([3]))

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab fuq is-sit elettroniku li ġej: http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335

Jew

billi wieħed imur direttament fil-paġna ewlenija tas-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Politika Agrikola, l-Ikel u l-Forestrija (www.politicheagricole.it), jikklikkja fuq il-kliem "Qualità e sicurezza" (il-parti ta' fuq tal-lemin tal-iskrin), u wara jikklikkja fuq il-kliem "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE".

([3]) Ara nota ta' qiegħ il-paġna 2.

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2014/C 153/06)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

# DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel** [2]

**"JAMBON DE VENDEE"**

**Nru KE: FR-PGI-0005-01135 — 30.7.2013**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Jambon de Vendée"

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott bl-isem imsemmi fil-punt 1*

Il-"Jambon de Vendée" huwa magħmul esklussivament mill-majjal frisk tas-sieq ta' wara, mingħajr ix-xikel.

Meta jkun sħiħ, il-"Jambon de Vendée" ma jkollux għadam u jkollu forma parallelepipeda regolari bit-trufijiet ovojdi. Il-wiċċ għandu kulur kannella ċar minħabba t-taħlita ta' ħwawar li jiksuh.

Meta jitqatta' fetti fetti, il-kulur fuq ġewwa jkun aħmar bil-vini tax-xaħam bojod. Il-kulur huwa ċar, tal-laħam nej. It-tarf ta' barra tal-fetti jkollu strixxi kannella kkawżati mill-ħwawar.

Il-"Jambon de Vendée" għandu tessut artab, teneru u mmerraq.

F'termini tal-aromi tiegħu, il-"Jambon de Vendée" għandu aċċenti tar-riħa ta' frott tal-ispirtu u l-ħwawar li ngħorku fih (kannella, bżar, sagħtar, weraq tar-rand, eċċ.). It-togħma mielħa tal-"Jambon de Vendée" mhijiex qawwija. Għandha kumplessità aromatika u delikatezza li hija espressa b'mod sħiħ, bi ftit aroma mil-proteoliżi u l-ossidazzjoni tax-xaħam.

Il-livell ta' umdità fuq bażi mingħajr xaħam tal-"Jambon de Vendée" huwa inqas minn 76 %.

Il-kontenut totali taz-zokkor tal-prodott (lattożju, destrożju, sukrożju, glukożju) huwa inqas minn 1 %.

Il-piż tal-koxxa perżut sħiħa, ladarba l-produzzjoni tkun lesta, huwa ta' bejn 4,5 kg u 7,5 kg.

Il-"Jambon de Vendée" jiġi prodott u jinbiegħ bħala koxxa sħiħa, nofs koxxa jew kwart ta' koxxa, f'porzjonijiet, fetti fetti, f'kubi jew fi strixxi.

(1) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

(2) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Il-laħam nej jiġi esklussivament minn laħam frisk, mhux iffriżat, minn ħnieżer għal-laħam, li l-piż tal-karkassa kiesha tagħhom ikun bejn 80 kg u 95 kg.

L-intervall bejn it-tbiċċir, il-qtugħ u d-dissussar tal-perżut għandu jkun qasir kemm jista' jkun u mhux iktar minn sitt ijiem.

Il-perżut frisk użat għall-produzzjoni tal-"Jambon de Vendée" huwa kkaratterizzat minn:

— piż frisk ta' bejn 8 kg u 12 kg,

— ħxuna tax-xaħam ta' inqas minn 25 mm,

— xaħam abjad u iebes u laħam roża,

— pH ta' bejn 5,5 u 6,2,

— temperatura fil-qalba ta' bejn 0 °C u + 5 °C.

L-ingredjenti l-oħra fil-produzzjoni tal-"Jambon de Vendée" huma:

— melħ tal-baħar niexef fi granuli,

— spirtu tal-inbid b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 40° jew iktar,

— ħwawar u ħxejjex aromatiċi li jinkludu mill-inqas 60 % ta' kannella, bżar, sagħtar u weraq tar-rand,

— addittivi awtorizzati: zokkrijiet (destrożju, sukrożju, lattożju, glukożju), nitrat tal-potassju (E252), nitrat tas-sodju (E251), melħ tan-nitriti, nitrit tal-potassju, fermenti.

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jittieħdu fiż-żona ġeografika definita*

L-istadji tal-produzzjoni tal-"Jambon de Vendée", mill-wasla tal-perżut frisk sa meta jintbagħat il-prodott finali, qabel jitqatta' fetti fetti u jiġi ppakkjat, isiru fiż-żona ġeografika.

3.6. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Il-"Jambon de Vendée" jista' jitqiegħed fis-suq bħala koxxa sħiħa, nofs koxxa jew kwart ta' koxxa jew inkella f'fetti ta' ħxunijiet differenti, imqatta' f'kubi jew fi strixxi.

Jista' jiġi ppakkjat f'vakum jew f'atmosfera modifikata.

It-temperatura fil-kamra fejn jitqatta' u/jew fil-kamra tal-ippakkjar għandha tkun ta' 12 °C jew inqas.

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Irrispettivament mill-indikazzjonijiet regolatorji li japplikaw għall-prodotti ppreparati tal-laħam, it-tikkettar tal-prodott għandu jinkludi dawn li ġejjin:

— l-isem tal-indikazzjoni ġeografika protetta: "Jambon de Vendée"

— id-dettalji ta' kuntatt tal-proċessatur.

## 4. Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika tal-"Jambon de Vendée" hija reġjun kontinwu li jissodisfa ċerti kriterji dwar l-ambjent naturali, l-għarfien tal-produzzjoni, il-modi tal-produzzjoni u l-konsum u l-prestiġju tal-indikazzjoni ġeografika.

Iż-żona ġeografika tal-indikazzjoni ġeografika protetta, "Jambon de Vendée", tinkludi:

— id-dipartiment kollu tal-Vendée,

— fid-dipartiment tal-Loire-Atlantique, il-cantons li ġejjin: Aigrefeuille-sur-Maine, Bouaye, Bourgneuf-en-Retz, Carquefou, Clisson, Legé, Le Loroux-Bottereau, Machecoul, Nantes (il-kantons numru 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11), Rezé, Saint-Philbert-de-Grand-Lieu, Vallet, Vertou, Vertou-Vignoble,

— fid-dipartiment tal-Maine-et-Loire, il-cantons li ġejjin: Cholet (il-cantons numru 1 u 3, parti mill-canton numru 2), Montfaucon-Montigné.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Fatturi naturali

Iż-żona ġeografika tal-"Jambon de Vendée" tinsab fuq il-kosta Atlantika u hija soġġetta għal klima oċeanika. Fil-ħarifa u x-xitwa, it-temp ġeneralment ikun imxarrab u mhux kiesaħ wisq, b'medja ta' 40 jum biss ta' friża kull sena u b'xita frekwenti iżda ħafifa.

Il-ħamrija fiż-żona ġeografika saret mill-blat iebes u aċiduż tal-Massif Armorikan u hija l-oriġini tal-pajsaġġ agrarju "bocager", ikkaratterizzat mill-għoljiet, sisien tal-ħaxix ma' kullimkien, agrikoltura orjentata iktar lejn it-trobbija tal-bhejjem fl-għamliet kollha tagħha u għadd kbir ta' azjendi żgħar iżolati li jistgħu biss jissopravvivu f'semisussitenza.

Fatturi umani

Iż-żona ġeografika tal-"Jambon de Vendée" hija distinta miż-żona tal-madwar minħabba l-għadd u d-diversità tan-negozji tat-tmelliħ tal-laħam li hemm fiż-żona, partikolarment fil-kampanja, f'komunità tal-biedja tradizzjonali fejn għad hemm għarfien agrikolu tradizzjonali. It-trobbija tal-ħnieżer hija stabbilita sew hawnhekk u bil-bwar salmastri li jinsabu fir-reġjun, it-tmellih u l-perżut ilhom importanti għad-dieta tan-nies tal-Vendée.

Għarfien speċifiku

Id-dissussar — prattika li mhijiex komuni għall-perżut nej — huwa l-ewwel pass speċifiku fil-produzzjoni tal-"Jambon de Vendée" li għalih jinħtieġ għarfien speċjali. Għall-produzzjoin tal-"Jambon de Vendée", id-dissussar jista' jsir bl-idejn, skont metodu msejjaħ "de l'os coulé" fejn l-għadma tal-wirk titneħħa mingħajr ma' tinfetaħ il-koxxa perżut. Wara li jitneħħa ż-żejjed, jingħorok il-melħ niexef bl-idejn. F'dan l-istadju, jingħorku l-ispirtu u t-taħlita ta' ħwawar u ħxejjex aromatiċi. Imbagħad il-koxxa perżut tiġi mgeżwra minnufih f'biċċa sabiex l-alkoħol u l-ħwawar jibqgħu f'kuntatt mal-laħam tul il-proċess kollu tal-maturazzjoni. Il-maturazzjoni tal-"Jambon de Vendée" hija daqstant ieħor speċifika billi l-perżuta tithalla toqtor u mbagħad tiġi ppressata b'mod mekkaniku bejn żewġ pjanċi. Dawn iż-żewġ stadji b'kollox jieħdu mhux inqas minn 28 jum. Imbagħad il-perżuta tithalla tinxef għal mill-inqas ħamest ijiem. Iż-żmien tat-tnixxif huwa qasir billi l-proċess sħiħ tal-produzzjoni huwa limitat għal mhux iktar minn 80 jum b'kollox. Il-perżuta ma tiġix affumikata.

Minkejja l-fatt li l-prodott iddaħħal fil-Code des Usages de la Charcuterie [il-Kodiċi Franċiż tal-Prattika għal-Laħmijiet Ippreparati] fi tmiem it-tmeninijiet, dan l-għarfien baqa' limitat għad-dipariment tal-Vendée u l-ibliet fil-viċin ta' Nantes u Cholet. Iż-żona ġeografika tinkludi l-operaturi kollha magħrufa li jipproduċu l-"Jambon de Vendée" fuq bażi permanenti skont ir-regoli tal-produzzjoni stabbiliti.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-"Jambon de Vendée" huwa distint minn prieżet oħra mnixxfin minħabba l-forma parallelepipeda tiegħu, bit-trufijiet ovojdi, u minħabba l-kulur kannella uniformi kkawżat mill-ħwawar. Il-fetti għandhom kulur aħmar ċar, bi strixxi skuri fit-tarf ta' barra kkawżati mill-ħwawar li jingħorku fih.

F'termini organolettiċi, il-"Jambon de Vendée" għandu riħa tal-frott minħabba l-preżenza tal-ispirtu u għandu kumplessità aromatika kkawżata mit-taħlita tal-ħwawar li jingħorku fih.

Fil-ħalq, huwa distint mit-tessut artab u teneru tiegħu. Meta mqabbel mal-maġġoranza tal-prieżet nejjin, it-togħma tiegħu għandha ferm inqas aċċenti tal-aromi tal-proteoliżi u l-ossidazzjoni tax-xaħam. B'differenza mill-biċċa l-kbira tal-prieżet nejjin imnixxfa għal perjodu qasir, il-"Jambon de Vendée" ma jiġix affumikat. It-togħma mielħa tiegħu mhijiex qawwija ħafna.

Minħabba t-tessut artab tiegħu, il-"Jambon de Vendée" ma jistax jitqatta' f'fetti rqaq faċilment u allura, tradizzjonalment, kien jittiekel l-iktar f'fetti ħoxnin iggriljati. Illum, hekk għadu jittiekel normalment fil-biċċa l-kbira taż-żona ġeografika, minkejja l-progress li sar fit-tqegħid fis-suq tal-fetti rqaq.

5.3. *Ir-rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Il-"Jambon de Vendée" huwa marbut maż-żona ġeografika permezz tal-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott marbuta mal-għarfien tas-salaisonniers fiż-żona ġeografika u reputazzjoni solida.

Il-karatteristiċi speċifiċi huma marbuta mal-għarfien li ntiret dwar proċess tal-produzzjoni adattat għall-kundizzjonijiet lokali.

L-għarfien li għandhom is-salaisonniers żviluppa fil-kuntest tal-limiti inerenti taż-żona ġeografika li kellhom impatt essenzjali fuq kif il-perżut jiġi prodott, ikkaratterizzat minn ċiklu tal-produzzjoni rapidu sabiex jiġu evitati l-problemi tat-tnixxif u l-preservazzjoni. Ix-xtiewi mhux ħorox u l-frekwenza tax-xita fissret li l-operaturi kellhom jiżviluppaw strateġiji alternattivi għall-preservazzjoni.

Billi l-għadma tista' potenzjalment tinfetta l-perżuta minħabba l-mikoorganiżmi, il-bdiewa li jrabbu l-bhejjem fiż-żona ġeografika kienu jiddissussawha u, b'mod ġenerali, jogħrku l-perżuta b'taħlita ta' ħwawar u spirtu. Għall-istess skop, il-perżuta kienet tiġi dissussata sabiex il-melħ ikun jista' jippenetra sal-qalba tagħha.

Il-bżonn li l-perżuta tiġi prodotta malajr wassal ukoll biex il-produtturi jiżviluppaw il-prattika li jippressawha bejn żewġ pjanċi tal-injam sabiex il-meraq joħroġ iktar malajr u b'hekk iqassru l-perjodu tat-tnixxif.

Illum, il-"Jambon de Vendée" għadu teneru, artab u b'kulur aħmar ċar minħabba li jitnixxef malajr, wirt tal-metodu tradizzjonali tal-produzzjoni tiegħu. It-togħma karatteristika tiegħu li ssir billi jingħorku fih l-ispirtu u l-ħwawar, tiddistingwih ġenwinament mill-prieżet nejjin l-oħra.

It-togħma tal-"Jambon de Vendée" għandha mluħa sottili li tinkiseb billi jinżied il-melħ bir-reqqa bl-idejn u fl-ammonti xierqa.

Id-domanda tal-konsumaturi bdiet tiżdied mis-sittinijiet u s-sebgħinijiet. Din id-domanda kienet ħerqana għat-tradizzjoni iżda kienet iktar eżiġenti u wasslet għal żieda konsiderevoli fl-għadd ta' negozji artiġġjanali speċjalizzati fil-prodotti agroalimentari u, partikolarment, dawk li jiffukaw fuq il-laħam ippreparat, u għenet biex tiddefinixxi l-karatteristiċi tal-prodott tal-lum, partikolarment id-delikatezza aromatika tiegħu u l-kontenut baxx tal-melħ tiegħu.

Reputazzjoni marbuta mal-isem "Jambon de Vendée"

L-isem "Jambon de Vendée" deher l-ewwel f'nofs is-sebgħinijiet bħala isem għall-prodott, u fid-deċennji ta' wara kompla jikseb il-popolarità.

Qabel il-"Jambon de Vendée" kien prodott tar-razzett maħsub għall-konsum mill-familja jew għall-bejgħ fis-suq lokali. Din hija r-raġuni għala l-ewwel referenzi bil-miktub għall-"Jambon de Vendée" jmorru lura biss għat-tieni nofs tas-seklu dsatax. Ħafna testi minn dak iż-żmien jirreferu għall-perżut nej mill-Vendée, immellaħ bil-melħ tal-baħar, imħawwar bil-ħwawar u l-ispirtu, u mnixxef għal perjodu qasir.

Matul is-sebgħinijiet u t-tmeninijiet, il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott fuq skala kbira żviluppat taħt l-isem kummerċjali tal-"Jambon de Vendée". Minbarra fit-testi varji dwar il-gastronomija tal-Vendée, fl-1982 dehret definizzjoni tal-prodott fl-ewwel edizzjoni tal-*Encyclopédie de la Charcuterie*, ippubblikat minn Soussana u Jean-Claude Frentz bħala l-editur.

L-ewwel kompetizzjoni għall-"Jambon de Vendée" veru, li saret f'Pouzauges fl-1989, ingħatat attenzjoni kbira mill-midja. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ir-reputazzjoni tal-"Jambon de Vendée" malajr estendiet lil hinn mill-fruntieri reġjonali u saret punt ta' referenza nazzjonali.

L-istudji tal-bord AC Nielsen panel fl-2003 poġġewh fit-tielet post fost il-prieżet niexfa li jinsabu għall-bejgħ liberament fi Franza f'termini ta' kwantità u valur.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

[L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ([3])]

https://www.inao.gouv.fr/fichier/CDCIGPJambondeVendeeV1.pdf

---

([3]) Ara no-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

# Avviż lill-produtturi u lill-importaturi tal-idrofluworokarburi u lill-impriżi l-ġodda li jkollhom il-ħsieb li jqiegħdu l-idrofluworokarburi bl-ingrossa fis-suq fl-Unjoni Ewropea fl-2015

(2014/C 153/07)

1. Dan l-Avviż huwa indirizzat lill-impriżi li huma kkonċernati mir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 [1] (minn hawn' il quddiem "ir-Regolament"):

(a) il-**produtturi** u l-**importaturi** li beħsiebhom iqiegħdu mill-inqas 100 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ ta' idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni fl-2015 u s-snin ta' wara, li skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 irrappurtaw li qegħdu aktar minn tunnellata metrika ta' idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni mill-2009 sal-2012;

(b) impriżi li **beħsiebhom iqiegħdu** mill-inqas 100 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ ta' idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni fl-2015, li ma rrappurtawx skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 li qiegħdu aktar minn tunnellata metrika ta' idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni mill-2009 sal-2012.

2. Idrofluworokarburi tfisser sustanzi elenkati fit-taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament, jew taħlitiet li fihom kwalunkwe waħda minn dawn is-sustanzi:

HFC-23, HFC-32, HFC-41, HFC-125, HFC-134, HFC-134a, HFC-143, HFC-143a, HFC-152, HFC-152a, HFC-161, HFC-227ea, HFC-236cb, HFC-236ea, HFC-236fa, HFC-245ca, HFC-245fa, HFC-365mfc, HFC-43-10mee.

3. Kull tqegħid fis-suq ta' dawn is-sustanzi, ħlief għall-użi elenkati fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament, jeħtieġ li jitqies fis-sistema ta' kwota stabbilita fl-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament.

4. Barra minn hekk, it-tqegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi minn kull impriża huwa suġġett għal limiti kwantitattivi.

Il-Kummissjoni talloka kwoti għall-impriżi elenkati fil-punti 1 a) u b) ta' dan l-Avviż. L-allokazzjoni tal-kwoti hija ddeterminata:

— skont l-Artikolu 16(1), (4) u (5) kif ukoll l-Annessi V u VI tar-Regolament għall-produtturi u għall-importaturi msemmija fil-punt 1 a) ta' dan l-Avviż;

— skont l-Artikolu 16(2) u (5) kif ukoll l-Annessi V u VI tar-Regolament għall-impriżi msemmija fil-punt 1 b) ta' dan l-Avviż.

**Għall-produtturi u l-importaturi li rrappurtaw li qiegħdu l-idrofluworokarburi fis-suq mill-2009 sal-2012, kif imsemmi fil-punt 1 a) ta' dan l-Avviż, biss**

5. Kull impriża ta' dan it-tip li fl-2015 għandha l-ħsieb li tqiegħed l-idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni trid issegwi l-proċedura deskritta fil-punti 6 sa 11 ta' dan l-Avviż.

6. L-impriża trid tirreġistra fir-reġistru, sa mhux aktar tard **mill-1 ta' Lulju 2014.** Il-Kummissjoni Ewropea se tibgħat id-dettalji ta' kuntatt li jinsabu fil-bażi tad-dejta BDR tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent fejn sar ir-rappurtar annwali tal-kumpaniji dwar il-gassijiet fluworinati bil-mandat tar-Regolament (KE) Nru 842/2006. L-impriżi huma mitluba li jaġġornaw id-dettalji ta' kuntatt tagħhom, jekk ikun meħtieġ, u jippreżentaw il-"formoli ta' reġistrazzjoni" mimlija kif xieraq lil [CLIMA-HFC-REGISTRY@ec.europa.eu]. Il-formoli vojta jinsabu disponibbli wkoll fil-websajt tal-Kummissjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/clima/policies/f-gas/reporting/index_en.htm). Ir-reġistrazzjoni fil-ħin sal-iskadenza msemmija hawn fuq hija prerekwiżit biex wieħed ikun eliġibbli biex jirċievi kwota.

7. Fid-dawl tal-kalkolu tal-valuri ta' referenza li jeħtieġ l-esklużjoni tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi għall-użi msemmija fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament, fuq il-bażi tad-dejta disponibbli, l-impriża hija mistiedna tinfurma lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-idrofluworokarburi mqiegħda fis-suq mill-2009 sal-2012 għall-użi elenkati fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(2) għal kull kategorija ta' użu u sustanza u għal kull sena mill-2009 sal-2012.

Din l-informazzjoni li jkun fiha tal-inqas l-elementi fil-formola marbuta ma' "użi eżentati" disponibbli fuq il-websajt (http://ec.europa.eu/clima/policies/f-gas/reporting/index_en.htm), għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni Ewropea elettronikament lil [CLIMA-HFC-REGISTRY@ec.europa.eu], qabel l-**1 ta' Lulju 2014**.

[1] ĠU L 150, 20.5.2014, p. 319.

8. Jekk l-impriża jkollha l-ħsieb li tqiegħed kwantitajiet addizzjonali ta' idrofluworokarburi fis-suq skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament, l-impriża trid timla u tippreżenta "id-dikjarazzjoni dwar kwoti meħtieġa għall-2015" disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/clima/policies/f-gas/reporting/index_en.htm). Il-formola mimlija kif xieraq għandha tintbagħat lil [CLIMA-HFC-REGISTRY@ec.europa.eu].

9. "Id-dikjarazzjonijiet dwar kwoti meħtieġa għall-2015" mimlija kif xieraq li jkunu mingħajr żbalji u li jaslu sal-**1 ta' Lulju 2014** biss se jitqiesu validi mill-Kummissjoni.

10. L-impriżi huma mħeġġa jippreżentaw "il-formoli ta' reġistrazzjoni" tagħhom, l-informazzjoni dwar it-tqegħid fis-suq għal "użi li huma eżentati" u "d-dikjarazzjoni" flimkien u kemm jista' jkun malajr biex ikun hemm ċans li jsiru l-korrezzjonijiet potenzjali u sottomissjonijiet mill-ġdid qabel l-iskadenza.

11. Il-preżentazzjoni tal-"formoli ta' reġistrazzjoni" jew ta' "dikjarazzjoni dwar kwoti meħtieġa għall-2015" weħidha ma tagħti l-ebda dritt ta' tqegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi mill-2015 'l quddiem.

**Għall-impriżi li ma rrappurtawx li qiegħdu l-idrofluworokarburi fis-suq mill-2009 sal-2012, kif imsemmi fil-punt 1 b) ta' dan l-Avviż, biss**

12. Kull impriża li fl-2015 tixtieq tqiegħed l-idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni trid issegwi l-proċedura deskritta fil-punti 13 sa 17 ta' dan l-Avviż.

13. L-impriża trid tirreġistra fir-reġistru, sal-**1 ta' Lulju 2014.** Ir-reġistrazzjoni sseħħ billi jintbagħtu l-formoli ta' reġistrazzjoni mimlija kif xieraq lil [CLIMA-HFC-REGISTRY@ec.europa.eu]. Il-formoli jinsabu disponibbli fil-websajt tal-Kummissjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/clima/policies/f-gas/reporting/index_en.htm). Il-formoli ta' reġistrazzjoni mimlija kif xieraq li jkunu mingħajr żbalji u li jaslu sal-**1 ta' Lulju 2014** biss se jitqiesu validi mill-Kummissjoni.

14. Barra minn hekk, l-impriża trid timla "d-dikjarazzjoni dwar il-ħsieb li jitqiegħdu l-idrofluworokarburi fis-suq" disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/clima/policies/f-gas/reporting/index_en.htm) u tintbagħat lil [CLIMA-HFC-REGISTRY@ec.europa.eu].

15. "Id-dikjarazzjonijiet dwar il-ħsieb li jitqiegħdu l-idrofluworokarburi fis-suq" mimlija kif xieraq li jkunu mingħajr żbalji u li jaslu sal-**1 ta' Lulju 2014** biss se jitqiesu validi mill-Kummissjoni.

16. L-impriżi huma mħeġġa jippreżentaw il-formoli ta' reġistrazzjoni u "d-dikjarazzjoni dwar il-ħsieb li jqiegħdu l-idrofluworokarburi fis-suq" flimkien u kemm jista' jkun malajr biex ikun hemm ċans li jsiru l-korrezzjonijiet potenzjali u s-sottomissjonijiet mill-ġdid qabel l-iskadenza.

17. Il-preżentazzjoni tal-"formoli ta' reġistrazzjoni" jew ta' "dikjarazzjoni dwar il-ħsieb li jitqiegħdu l-idrofluworokarburi fis-suq" weħidha ma tagħti l-ebda dritt għat-tqegħid tal-idrofluworokarburi fis-suq fl-2015.

**RETTIFIKA**

**Rettifika għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (tfassil mill-ġdid)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 110 tal-11 ta' April 2014)*

(2014/C 153/08)

F'paġna 63,

*minflok:*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "CEN | EN 16252:2012<br>Magni għall-imballaġġ ta' materjal ta' skart jew bċejjeċ riċiklabbli – Preses ta' imballaġġ orizzontali – Rekwiżiti ta' sigurtà | 5.4.2013" | | |

*aqra:*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "CEN | EN 16252:2012<br>Magni għall-imballaġġ ta' materjal ta' skart jew bċejjeċ riċiklabbli — Preses ta' imballaġġ orizzontali — Rekwiżiti ta' sigurtà | 5.4.2013 | | |
| CEN | EN 16307-1:2013<br>Trakkijiet industrijali — Rekwiżiti ta' sigurtà u verifika — Part 1: Rekwiżiti supplementari għal trakkijiet industrijali li joperaw awtomatikament minnhom infushom iżda mhux trakkijiet bla sewwieq, trakkijiet li għandhom meded differenti sa fejn jistgħu jilħqu u trakkijiet tat-tagħbija | 5.4.2013" | | |

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT